**10 ta' Novembru, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Calleja

*versus*

Lawrence Baldacchino

**Ħajt Diviżorju — Appoġġ — Prova — Art. 632(1) tal-Proċedura Ċivili.**

*Għalkemm hu veru li l-komunjoni ta' ħajt tiġi fil-biċċa l-kbira tal-każi akkwistata għall-kostruzzjoni ta' bini, il-komunjoni tinħoloq bi kwalunkwe użu li l-viċin jagħmel mill-ħajt diviżorju, mingħajr ma jkun tenut jagħti sodisfazzjon lil sid il-ħajt; tant li huwa jkun fista' jirrendieh komuni anki għal sempliċi kompjaċenza tiegħu.*

*Għall-akkwist tal-komunjoni tal-ħajt il-liġi ma tirrikjedix ebda formalità speċjali; biżżejjed li tirriżulta soddisfaċentement il-volontà tal-akkwist, anki taċita, bil-fatt stess tal-appoġġ*

*Skrittura li biha wieħed ikun obliga ruħu li jħallas nofs l-ispiża ta' ħajt, apparti minn jekk hix nulla jew le għax mhix magħmula b'att publiku, hija ammissibbli bħala prova kontra tiegħu, għax tikkostitwixxi dikjarazzjoni da parti tiegħu*

*li hi kontra tiegħu għall-finijiet tal-kawża fejn huwa jkun ġie mħarrek b'ex iħallas l-appoġġ. Minn dik l-iskrittura tirriżulta, għall-anqas, l-intenzjoni tiegħu li jakkwista l-komunjoni tal-ħajt.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi skond stima tal-A.I.Ċ Lawrence Agius, li ġiet mogħtija lill-konvenut u li kopja tagħha qegħda tiġi hawn eżibita (dok. A), l-attur għandu jieħu minn għand il-konvenut is-somma ta' £33.6.3 għad-dritt ta' appoġġ bejn il-fondi tal-kontendenti fi Trieq l-Isqof Caruana, l-Imsida, talab li l-konvenut, għar-raġunijiet premessi, jiġi kundannat iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' £33.6.3, jew kull ammont ieħor verjuri li jiġi stabbilit bl-opra ta' periti nominandi; bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 1959, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta illi l-konvenut radam il-bitħa tiegħu b'materjal li qiegħed ipoġġi mal-ħajt in kwistjoni, u b'hekk assuma l-komunjoni tal-istess ħajt, barra milli per mezz tal-iskrittura fol. 13 huwa obliga ruħu li jħallas nofs l-ispiża tal-ħajt wara ġimgħa li dan ikun lest; illi huwa ma jaqbelx mal-ist'ma a fol. 5, għaliex dik l-istima tieħu in konsiderazzjoni l-kumpens għall-ħajt tal-intrata mibni mill-konvenut, liema ħajt ma jidħolx fil-meritu ta' din il-kawża, u anki għaliex il-qisien meħuda minnu fuq il-post waqt l-aċċess ma jaqblux ma' dawk indikati f'dik l-istima; u illi, għalhekk, il-ħajt in kwistjoni jiswa £108.2.9, u l-konvenut għandu jagħti għal sehmu £54.1.4½;

Illi l-Qorti taqbel mal-perit dwar l-eżistenza tal-appoġġ; għaliex, għalkemm huwa veru li l-komunjoni ta' ħajt tiġi fil-biċċa kbira tal-każi akkwistata għall-kostruzzjoni ta' bini, il-komunjoni tinħoloq bi "kwalunkwe użu" li l-viċin jagħmel mil-ħajt diviżorju, mingħajr ma jkun tenut

jagħti sodisfazzjon lil sid il-ħajt; tant li huwa jkun jista' jirrendieh komuni anki għal sempliċi kompjaċenza tiegħu (Pothier, Società, §248; Demolombe, Diritto Civile XI, §§359 u 362; Pacifici Mazzoni, Servitù Legali, §407). F'dan is-sens ukoll kellha okkażjoni tesprimi ruħha din il-Qorti fil-kawża "Cutajar vs. Pace", deċiża fit-12 ta' April 1956;

Illi għall-akkwist tal-komunjoni tal-ħajt il-liġi ma tirrikjedix ebda formalità speċjali; biżżejjed li tirriżulta soddisfaċentement il-volontà tal-akkwist, anki taċita, bil-fatt stess tal-appoġġ (Kollez. XXXV-I-172 med.). Issa, il-konvenut, apparti l-ftehim li għamel mal-attur li jħallas nofs l-ispiża tal-ħajt bil-fatt tiegħu stess wera l-intenzjoni li jirrendi komuni l-istess ħajt; meta huwa radam il-bitħa tal-fond tiegħu attigwu, u poġġa l-materjal ma' dak il-ħajt, huwa evidenti illi huwa qiegħed jagħmel użu mill-ħajt, għaliex, jekk mhux ħaġ'oħra, il-ħajt qiegħed iservi għas-sostenn ta' dak il-materjal;

Illi, kwantu għall-ftehim li l-attur jippretendi li sar bl-iskrittura fol. 13, il-konvenut jissottometti li dak il-ftehim mhux validu, għaliex għandu bħala oġġett dritt reali immobiljari, bħal ma hu dritt ta' appoġġ. Apparti l-kwistjoni tan-nullità tal-ftehim, il-Qorti tosserva li dik l-iskrittura tikkostitwixxi dikjarazzjoni da parti tal-konvenut li hija kontra tiegħu għall-fini tal-kawża, u għalhekk hija ammissibbli bħala prova (art. 632 (1) Proċ. Ċiv.); minnha, għall-anqas, tirriżulta l-intenzjoni tal-konvenut li jakkwista l-komunjoni tal-ħajt; u għalhekk, meta huwa radam il-bitħa, għamlu verosimilment in vista ta' dik l-intenzjoni;

Illi minn dan jidher li l-konvenut irrenda komuni l-ħajt in kwistjoni, u obligat iħallas lill-attur l-appoġġ relattiv;

Illi, kwantu għall-likwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti taqbel mal-perit ġudizzjarju illi ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni l-istima a fol. 75, li hija, fost ħwejjeġ oħra, stima "ex parte". Xejn ma jiswa illi l-konvenut wera li hu pront joqgħod għaliha (fol. 2); għaliex l-attur, kif jidher miċ-ċitazzjoni, ma vvinkolax ruħu b'mod assolut, anzi talab kull ammont verjuri, li jista' wkoll jeċċedi s-somma

mitluba b'riferenza għall-istima fol. 5; di pjù, l-appoġġ tal-volta dovut lill-konvenut mill-attur ma jiffurmax oġġett ta' din il-kawża, u lanqas jikkostitwixxi kreditu ċert u likwidu, b'mod li mhux kompensabbli mal-kreditu tal-attur;

Illi, rigward l-eżattezza tal-ammont stabbilit mill-perit ġudizzjarju, ma saret ebda kontestazzjoni; u l-Qorti ma għandiex motiv biex tiddipartixxi ruħha mill-likwidazzjoni tal-perit;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-konklużjonijiet peritali fil-limiti ta' dawn il-konsiderandi;

Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna l-konvenut iħallas is-somma ta' £54.1.4½, bl-imgħax legali mil-lum u bl-ispejjeż; salv lill-konvenut kull dritt li jista' jkollu kontra l-attur, "si et quatenus".